# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 28

Data tal-laqgħa: 14 ta' Diċembru, 2020

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar it-Tnejn, 14 ta' Diċembru 2020 fil-5.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-5.05p.m. billi ntqalet it-talba.

**28/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**28/01/01** Ma kienx hemm.

**28/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 27**

**28/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**28/02/02** **Para 27/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Perit ħejja stima (€22,375.75) tax-xogħol ta' tisbiħ fuq il-latrina pubblika. Peress li l-Onor. Julia Farrugia Portelli ma għadhiex il-Ministru għat-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumatur se nagħmlu kuntatt mal-Cleansing and Maintenance Division.

**28/02/03** **Para 27/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Oscar Mangion kważi lesta x-xogħol fuq il-*bollards.* Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikajna għal permess ma' Transport Malta, iżda t-tweġiba kienet li TM dejjem naqas milli japprova talli *bollards.*

**28/02/04** **Para 27/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Onor. Dr Clifton Grima ma kellimniex lura rigward il-ground ta' Xwieki.

**28/02/05** **Para 27/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Awtorità tal-Artijiet biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola Primarja.

**28/02/06** **Para 27/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikajna biex inġibu fondi mill-UIF għal Ġnien il-Paċi u l-Ġnien ta' Żagħruna u li fl-aħħar jiem talbuna numru ta' kjarifiki.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**28/02/07** **Para 27/02/07:** Is-Sindku qalet li saret laqgħa mal-Perit tal-Infrastructute Malta u l-Enemalta u kien hemm qbil li jsir arblu ieħor sabiex tkun tista' titqabbad il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl.

**28/02/08** **Para 27/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nippreparaw *expression of interest* biex is-*Searchlight Battery* tiġi restawrata.

**28/02/09** **Para 27/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta fuq talba lil Lands Authority għall-amministrazzjoni tal-Ferħa Estate. Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mal-Prof. Charles Savona-Ventura u tnejn oħra mill-*Grand Prior of the Maltese Is. & Grand Hospitaller & Archivist-Historian Military & Hospitaller Order of St Lazarus of Jerusalem*. Prof. Charles Savona-Ventura jiftakarha meta kienet topera bħala sptar u jixtieq li l-post jiġi restawrat u jkun hemm bħal mużew żgħir. Is-Sindku spjegat li l-ewwel il-post irid jiġi devolut lilna u li aħna nixtiequ li dan il-post jintuża bħal *Day Centre* u *Night Shelter*. Is-Sur Abraham Aquilina qal li aktarx irridu nipprovdu transport b'xejn għall-anzjani. Is-Sur Carl Grech ukoll iltaqa' magħhom, huma lesti li japplikaw għal fondi u ppproponew li waħda mill-kmamar tintużaw mill-għaqdiet tar-raħal. Is-Sur Christopher Fenech qal li għandna nżommu f'moħħna xi rridu aħna u li jista' jsir ftehim bejn il-Gvern u Privat.

**28/02/10** **Para 27/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Reġjun Tramuntana għadu ma installax iż-żewġ CCTV Cameras fil-Ġnien ta' Żagħruna.

**28/02/11** **Para 27/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Maltapost p.l.c resqet il-*letterbox* fil-pjazza.

**28/02/12** **Para 27/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għadna qed nistennew risposta fuq il-korrispondenza minn Dr David H Harding – Re il-post tal-klijenti tiegħu ġewwa Għargħur użat ukoll għal Health Services tal-Gvern, Leap kif ukoll mill-Pulizija bħala l-Għassa tal-Għargħur.

**28/02/13** **Para 27/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*pole* u l-bankina perikoluża fi Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero għadhom hemm għax fadal cable tal-Melita.

**28/02/14** **Para 27/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li x-xogħol fuq iz-*zebra crossings* ta' Triq San Bartilmew kważi lest u li z-*zebra crossings* ta' Triq Stiefnu Zerafa ħa ssir f'Jannar 2021. Is-Sur Christopher Fenech qal li jridu jsiru tabelli żgħar taz-*zebra crossing*. Il-Kunsill qabel unanimament.

**28/02/15** **Para 27/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li G&P Borg obbligat li jħallas lill-Kunsill mill-kundizzjonijiet tal-PA fuq il-permess PA/06203/08. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lil Perit Frans Mallia meta l-ammount ta' EUR 116,037.50 ser jiħi mgħadud mal-fond assoċjat mal-Kunsill.

**28/02/16** **Para 27/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq Għaxqet l-Għajn 'l isfel mill-Madonna tal-Ġebla l-Kbira għadha trid titqabbad mill-Enemalta plc u li ninsabu f'kuntatt ma' Sa. Nikita Zammit Alamango.

**28/02/17** **Para 27/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fi xhur li ġejjin il-Cleansing and Maintenance Division ser jipprovdu CCTV camera għal ħdejn l-Sptar tal-Ferħa.

**28/02/18** **Para 27/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sidien irranġaw il-ħajt perikolanti fi Triq San Bartilmew.

**28/02/19** **Para 27/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat kif ser tiġi l-*information panel* dwar l-għajn tal-ilma. Il-Kunsill qabel unanimament.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**28/02/20** **Para 27/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li infurmat lill-Perit fuq kif għandu jkun il-*bus shelter* ta' Misraħ il-Knisja.

**28/02/21** **Para 27/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta fuq l-applikazzjoni biex issir Cat Café fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**28/02/22** **Para 27/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kuntrattur ser jimplimenta sinjali fi Triq Għaxqet l-Għajn ħalli n-nies isuqu u jipparkjaw sew. Is-Sur Abraham Aquilina ssuġġerixxa li nagħmlu *sharp turn marking* fejn it-taraġ peress li hemm kisra kerha. Il-Kunsill qabel unanimament.

**28/02/23** **Para 27/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikajna għal fondi mill-Majjistral Action Group Foundation għad-dawl kemm għat-Torri tas-Semaforu kif ukoll għal bini tal-Kunsill.

**28/02/24** **Para 27/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta uffiċjali mill-Street Naming Committee sabiex Triq il-Mitħna tiġi Sqaq il-Mitħna.

**28/02/25** **Para 27/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approvat li ssir *sleeping police* fi Triq il-Ġnien (lejn il-Madliena) imma l-ewwel ser nitolbu laqgħa mar-resident li talabha.

**28/02/26** **Para 27/02/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-erba' toqob li talbet l-Għaqda tan-Nar ma sarux.

**28/02/27** **Para 27/02/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser niltaqgħu mal-Perit biex naraw kif trid tiġi parti mit-Triq Għaxqet l-Għajn taħt is-siġar (min-naħa ta' Triq il-Ġnien).

**28/02/28** **Para 27/02/36:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq Santa Katerina min-naħa ta' Triq tal-Balal għadha trid titqabbad mill-Enemalta plc.

**28/02/29** **Para 27/02/37:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma applikajniex għal Premju Soċjetà Ġusta.

**28/02/30** **Para 27/02/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntrattur ta' Infrastructure Malta se jieħu ħsieb li ssir *road hump* fil-bidu ta' Triq Għaxqet l-Għajn (min-naħa ta' Triq il-Ġnien). Barra minn hekk, skont il-Perit Rodney Micallef ix-xogħol fi Sqaq Ħofra se jitkompla fi tieni ġimgħa ta' Jannar.

**28/02/31** **Para 27/02/39:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-residenti ta' Triq il-Mitħna ma ffirmawx karta li qed jaqblu biex issir *road hump* ħdejn numru 3 fi Triq il-Mitħna.

**28/02/32** **Para 27/02/40:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-fanal ġdid fi Sqaq Ružarju għadu jrid jitqabbad mill-Enemalta plc.

**28/02/33** **Para 27/02/42:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għadha ma rċevietx il-proposta ta' kif ser jaħdem il-*Community Garden.*

**28/02/34** **Para 27/02/44:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet fakkret is-Sezzjoni tal-Immaniġġjar tal-Widien sabiex inaddfu r-rimi illegali minn Wied Anġlu u mit-Triq John Adye.

**28/02/35** **Para 27/02/46:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Onor. Chris Agius qalilna biex nagħmlu appuntament ma' Sur Sandro Azzopardi biex niddiskutu l-proposta sabiex il-grawnd tal-futbol jinbidel f'*car park* u saqaf ikun żviluppat f'*pitch* tal-*football* li jkun jilħaq l-ogħla *standards*. Is-Sur Christopher Fenech qal li nistgħu nġibu fondi permezz tal-*Commercialisation*.

**28/02/36** **Para 27/02/47:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed taħdem fuq is-sistema ta' permessi *online.*

**28/02/37** **Para 27/02/48:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mera fi Sqaq Ħofra faċċata ta' *Childcare Centre* saret.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**28/02/38** **Para 27/02/49:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta fuq l-applikazzjoni għal Finanzjament għall-krejazzjoni ta' Spazji Miftuħa fiċ-Ċentru tal-ibliet u l-irħula f'Malta u Għawdex minħabba l-proġett Slow Streets.

**28/02/39** **Para 27/02/50:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tranġar tal-bankina ta' Triq il-Mitħna sar.

**28/02/40** **Para 27/02/51:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*parking bays* ġodda fi Triq Mons Luigi Catania għadhom ma sarux.

**28/02/41** **Para 27/02/54:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*parking bays* ġodda fi Triq l-Indipendenza k/m Triq Mattia Preti għadhom ma sarux.

**28/02/42** **Para 27/02/58:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħadd mir-residenti ma jrid li l-bozza li kien hemm fejn Joe l-sprayer fi Triq San Ġwann teħel mal-propjetà tagħhom. Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li teħel x'imkien viċin Triq San Ġwann k/m Sqaq Ħofra. Is-Sindku ser tagħmel kuntatt mar-resident biex tara jekk jaqbilx.

**28/02/43** **Para 27/02/60:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li seduta li jmiss fuq il-permess PA 2995/20 [*Location of development: Site at, Triq Kromb il-Bahar, Sqaq Charlotte, Gharghur; Description of works: To renew to construct 4 residential units with underlying garages; Applicant: Mr Joseph Bezzina*] se tkun fit-23 ta' Frar 2021.

**28/02/44** **Para 27/02/61:** Is-Segretarju Eżekuttiv dwar il-ħajt li se jinbena fi Triq John Adye qalet li PA application number huwa PA7195/20 u l-oġġezzjoni skadiet fis-27 ta' Novembru 2020 issa jrid jinħadem u joħroġ il-permess.

**28/02/45** **Para 27/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li nhar il-Ħamis, 24 ta' Diċembru, *Father Christmas* ser iqassam ir-rigali li l-ġenituri jkunu xtraw għat-tfal tagħhom.

**28/02/46** **Para 27/03/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Soċjetà Filarmonika San Bartilmew armat l-*ispeakers* fil-pjazza u toroq tal-madwar sabiex idoqqu diski tal-Milied.

**28/02/47** **Para 27/03/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-anzjani tar-raħal apprezzaw it-*tray* bil-ħelu tal-Milied. Is-Sur Abraham Aquilina qal li dawn it-trays tqassmu mill-Għaqda Monument San Bartilmew, l-Għaqda tan-Nar u Għargħur FC. Dwal Ġodda rringrazzjawna imma ma xtaqux jipparteċipaw.

**28/02/48** **Para 27/03/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fin-niżla ta' Triq San Bartilmew għadha trid titqabbad mill-Enemalta plc.

**28/02/49** **Para 27/03/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq il-Ġnien ħdejn ta' Cuschieri Apartments għadha trid titqabbad mill-Enemalta plc.

**28/02/50** **Para 27/03/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella tal-muturi għal Triq Caravaggio.

**28/02/51** **Para 27/05/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Guggen Musik Bus Parade se ssir nhar is-17 ta' Diċembru.

**28/02/52** **Para 27/05/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li infurmajna lil Managing Authority biex permezz tal-fondi tal-EAFRD isir sqaq ieħor fi Triq tal-Balal.

**28/02/53** **Para 27/05/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat kaptell tal-ħadid għal ħdejn il-garaxx ta' resident (faċċata ta' The Golden Chick) fi Triq San Ġwann.

**28/02/54** **Para 27/05/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tlabna parir minn Transport Malta biex isir *parking bay* fi Triq Katerina Sammut.

**28/02/55** **Para 27/05/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina li niksru għal Triq Dun Salvatore Zarb min-naħa ta' Triq Caravaggio ma tistax issir parkeġġ.

**28/02/56** **Para 27/05/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *single white line* ġie *double yellow line* fi Triq in-Naxxar.

**28/02/57** **Para 27/05/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat *bin* ġdid għal qrib l-Għar San Brinkat.

**28/02/58** **Para 27/05/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fi Triq Caravaggio saru tabelli li jħeġġu lin-nies jiġbru l-ħmieġ tal-kelb tagħhom.

**28/02/59** **Para 27/05/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skont il-Perit biex nagħmlu ħnejja tal-ħadid fid-daħla tal-isqaq irridu napplikaw mal-Planning Authority peress li trid teħel mal-art u mal-ħitan tan-nies minħabba r-riħ. Is-Sindku se tkellem lin-nies li joqogħdu fl-isqaq numru 1 fi Triq Mons Luigi Catania. Is-Sur Christopher Fenech ra ħnejja tal-ħadid ir-Rabat li għalkemm imdaħla sew mal-art, ma tmissx mal-ħitan tan-nies. Is-Sur Fenech qal li l-għan tagħna hu li nżejnu l-isqaqien.

**28/02/60** **Para 27/05/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-maġġoranza tar-residenti ta' Sqaq ir-Rużarju ma qablux li jitneħħa l-bollard tal-isqaq.

**28/02/61** **Para 27/05/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kaptell ġdid fi Triq E. Perren se jsir wara li jitlesta x-xogħol.

**28/02/62** **Para 27/05/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rċeviet kummenti pożittivi dwar l-Armar b'Dawl Dekorattiv għall-Milied.

**28/02/63** **Para 27/07/01:** Fuq it-*Tender for the Street Sweeping in the Locality of Ħal Għargħur using Low Emission Service Vehicle*, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna li l-evalwaturi jiffirmaw ir-rapport ta' evalwazzjoni.

## 28/03 Komunikazzjoni mis-Sindku

**28/03/01** Is-Sindku qalet li qed isibuha diversi residenti li għandhom problema bit-trasport. Hi ssuġġeriet li nużaw il-vann tal-kunsill biex permezz tal-ħaddiema assenjati mal-kunsill noffru servizz darbtejn fil-ġimgħa lill-anzjani li jkunu jridu jmorru sal-pjazza tan-Naxxar jew sal-pjazza tal-Mosta. Is-Sur Christopher Fenech qal li l-vann qiegħed biex inġorru l-għoddu. Is-Sindku qalet li l-għodda tista' toqgħod fuq wara u mhux fuq is-seats. Is-Sur Fenech qal li rridu noqgħodu attenti li jekk il-ħaddiema jiġbru ż-żibel inaddfu warajhom jekk ħa jitilgħu n-nies. Il-Kunsill qabel unanimament.

**28/03/02** Is-Sindku qalet li jekk il-ħaddiema assenjati mal-kunsill mhux se jibdew jagħmlu l-almu tagħhom, dawn mhux ser jingħataw *performance bonus*. Il-Kunsill qabel unanimament.

**28/03/03** Is-Sindku resqet li mis-sena d-dieħla l-impjegati tal-kunsill ikollhom in-nofstanhari bħal ħaddiema tal-Gvern. Il-Kunsill qabel unanimament.

**28/03/04** Is-Sindku qalet li rċeviet ilment minn residenta li qed isuqu b'veloċità għolja fi Triq l-Indipendenza. Il-Kunsill qabel unanimament li ssir tabella 'SLOW'.

**28/03/05** Is-Sindku qalet li rċeviet suġġeriment minn residenta biex isir eżerċizzju u naraw fejn nistgħu nnaqqsu *double yellow line.* Il-Kunsill qabel unanimament.

**28/03/06** Is-Sindku resqet l-stimi għas-servizz ta' Interior Designer għal uffiċċju amministrattiv u kien hemm qbil unanimu li japprovaw l-stima ta' Symphony Design House (€1,121.00).

**28/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**28/04/01** Ma kienx hemm.

**28/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**28/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Onor. Chris Agius – Ser ikun qed jitkellem mal-Ministru rigward il-proposta biex il-grawnd tal-futbol jinbidel f'*car park* u saqaf ikun żviluppat f'*pitch* tal-*football* li jkun jilħaq l-ogħla *standards*.

**28/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 18 ta' Novembru 2020).

**28/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 25 ta' Novembru 2020).

**28/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Silvana Agius – Strateġija tal-Informatika, Titjib fl-Infrastruttura tan-Networks fil-Kunsilli Lokali, Reġjuni u Tribunali.

**28/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Claire Callus – Tnedija tal-Proċess għas-Sejħa ta' Interess għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031.

**28/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mid-Direttur – Ċirkulari 07/2020 - Allokazzjoni Finanzjara 2021.

**28/05/07** Ġiet innutata korrispondenza minn resident minn Triq il-Ġdida fejn talab li titpoġġa qasrija biex ma jgħaddux karozzi. Il-Kunsill ma laqax din it-talba, is-Sur Abraham Aquilina ssuġġerixxa li ssir T-sign. Il-Kunsill qabel unanimament.

**28/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur J. Gatt – Allokazzjoni Finanzjara 2021 – KL Ħal Għargħur.

**28/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 2 ta' Diċembru 2020).

**28/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mid-Direttur Gvern Lokali – SPI.SCI.7.2020 Espressjoni ta' Interess – 'Smart Solutions' għall-Immaniġġjar tal-Iskart.

**28/05/11** Ġiet innutata korrispondenza mid-Direttur Gvern Lokali – Skema ta' Neutering għal qtates tat-triq – Kunsilli Lokali. Kien hemm qbil unanimu li napplikaw għal din l-iskema.

**28/05/12** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 9 ta' Diċembru 2020).

**28/05/13** Is-Sa. Marilena Hassan issuġġerixxa li ssir *zebra crossing* fi Triq San Ġwann. Is-SE qalet li fuq parir ta' Transport Malta ma tistax isir.

**28/05/14** Is-Sur Abraham Aquilina qal li r-Reġjun Tramuntana għamel sett ta' maskri. Kull kunsillier jista' jagħżel li jħallihom il-Kunsill jew iqassamhom lil kostitwenti tiegħu. Kemm il-kunsillier kif ukoll l-kumplament tan-nies jistgħu jħallu donazzjoni lil Marygold Foundation u jieħdu maskla.

**28/05/15** Is-Sur Christopher Fenech qal li parti minn l-art ta' Triq San Nikola intrefgħet u l-ġirien qed jibżgħu li l-għeruq tas-siġra se tagħmlilhom il-ħsara. Is-SE diġà kitbet lil Infrastructure Malta u risposta ta' Ing. Fredrick Azzopardi kienet sabiex nintervjenu aħna u ma noqgħodux nistennew li ssir it-triq minn Infrastructure Malta. Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li ssir din il-parti ta' Triq San Nikola u sabiex jekk hu possibli nippreservaw is-siġra. Il-Kunsill qabel unanimament.

**28/06** **Abbozz tal-Estimi finanzjarja għas-sena 2021**

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**28/06/01** Is-Sindku ppreżentat l-Abbozz tal-Estimi finanzjarja għas-sena 2021. Is-Sindku pproponiet l-Abbozz tal-Estimi finanzjarja għas-sena 2021 kif ippreżentat. Il-Kunsill qabel unanimament.

**28/07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**28/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**28/08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**28/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:50p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Jannar 2021 fil-5:30pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**